15. Maria Galea, bint xebba ta' Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea, mietet fl-Awstralja fit-tlieta (3) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) skont kif jikkonferma ċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bħala Dokument AA. Hija rregolat il-wirt u s-suċċessjoni tagħha inkwantu jirrigwarda l-proprjetà li hija kellha f'Malta u Għawdex bis-saħħa ta' testment datat sbatax (17) ta' Novembru tal-elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani fejn bis-saħħa tiegħu hija nnominat bħala werrieta assoluta tagħha għall-proprjetà tagħha f'Malta u Għawdex lil Mary Perry. Kopja tat-tesment tagħha hija annessa u mmarkata bħala Dokument AB. Kopja taċ-ċertifikati dwar ir-riċerki tat-testmenti pubbliċi u sigrieti huma annessi u mmarkati bħala Dokumenti AC u AD;

16. George Galea, iben Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea miet l-Awstralja fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) skont kif jikkonferma ċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu hawn anness u mmarkat bħala Dokument AE. Huwa rregola l-wirt u suċċessjoni tiegħu bis-saħħa ta' testment datat dsatax (19) ta' Frar tal-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) li sar l-Awstralja, li kopja tiegħu hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument AF. Kopja tal-probate ta' dan it-testment hija annessa u mmarkata bħala Dokument AF1. Kopja taċ-ċertifikati dwar ir-riċerki tat-testmenti pubbliċi u sigrieti ta' George Galea huma hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti AG u AH. Minnhom jirriżulta li George Galea m'għamel l-ebda testment f'Malta u Għawdex;

17. Stephen Galea, iben Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea miet l-Awstralja fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) skont kif jikkonferma ċ-ċertikat tal-mewt tiegħu hawn anness u markat bħala Dokument AI. Huwa rregola l-wirt u suċċessjoni tiegħu bis-saħħa ta' testment datat sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) li sar fl-Awstralja, bis-saħħa ta' liema huwa nnomina lill-esponenti John Galea u Mary Theresa Cascun bħala werrieta universali tiegħu fil-kwoti ta' erba' partijiet ħamsa (4/5) indiviżi John Galea u kwinta parti indiviż (1/5) Theresa Cascun. Kopja tat-testment tiegħu hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument AJ. Kopja tal-probate ta' dan it-testment hija annessa u mmarkata bħala Dokument AJ1. Kopja taċ-ċertifikati dwar ir-riċerki tat-testmenti pubbliċi u sigrieti ta' Stephen Galea huma hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti AK u AL. Dawn jikkonfermaw li Stephen Galea m'għamel l-ebda testment ieħor f'Malta u Għawdex. Id-dikjarazzjoni causa mortis ta' Stephen Galea ġiet ippubblikata nhar it-tnejn (2) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-atti tan-Nutara Mariosa Grech. Kopja tagħha hija annessa u markata bħala Dokument AM;

18. Illi bis-saħħa ta' kuntratt datat tlieta (3) ta' Awwissu tal-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) ippubblikat fl-atti

15. Maria Galea, unmarried daughter of Grazio sive Grezzju and Filomena spouses Galea, died in Australia on the third (3rd) of August of the year two thousand and fourteen (2014) as confirmed by the death certificate hereby attached and marked as Document AA. She regulated her inheritance and succession in respect of the property that she had in Malta and Gozo by means of a will dated seventeenth (17th) of November of the year one thousand nine hundred and ninety nine (1999) published in the acts of Notary Paul George Pisani by means of which she nominated Mary Perry as her sole heir in respect of the property she held in Malta and Gozo. A copy of the will is hereby attached and marked as Document AB. A copy of the public and secret will searches certificates are hereby attached and marked as Documents AC and AD;

16. George Galea, son of Grazio sive Grezzju and Filomena spouses Galea died in Australia on the twelfth (12th) of June of the year two thousand and sixteen (2016) as results from the death certificate hereby attached and marked as Document AE. He regulated his inheritance and succession by means of a will done in Australia and dated nineteenth (19th) of February of the year one thousand nine hundred and eight three (1983) a copy of which, is hereby attached and marked as Document AF. A copy of the probate of the will is hereby attached and marked as Document AF1. A copy of the public and secret will searches certificates of George Galea are hereby attached and marked as Documents AG and AH. From them it results that George Galea never made a will in Malta and Gozo;

17. Stephen Galea, son of Grazio sive Grezzju and Filomena spouses Galea, died in Australia on the thirtieth (30th) of June of the year two thousand and sixteen (2016) as confirmed by his death certificate hereby attached and marked as Document AI. He regulated his inheritance and succession by means of a will done in Australia dated twenty sixth (26th) of June of the year two thousand and sixteen (2016), by means of which he nominated applicant John Galea and Mary Theresa Cascun as his univeral heirs in the shares of four fifths (4/5) undivided shares to John Galea and one fifth (1/5) undivided share to Mary Theresa Cascun. Copy of the will is hereby attached and marked as Document AJ. A copy of the probate of this will is hereby attached and marked as Document AJ1. A copy of the public and secret will searches certificates of Stephen Galea are hereby attached and marked as Documents AK and AL. These confirm that Stephen Galea never made any other will in Malta and Gozo. The declaration causa mortis relative to Stephen Galea's estate was published on the second (2nd) of August of the year two thousand and nineteen (2019) in the acts of Notary Mariosa Grech. A copy is hereby attached and marked as Document AM;

18. That by means of a deed dated third (3rd) of August of the year one thousand nine hundred and eighty three

tan-Nutar Michael Refalo, ir-rikorrent John (Giovanni) Galea fil-kwalità tiegħu ta' suċċessur fit-titolu ta' Joseph Galea ċeda u assenja lil Theresa Axiak id-drittijiet kollha reali u personali illi l-istess John (Giovanni) Galea kellu mill-wirt u s-suċċessjoni tan-nanniet paterni tiegħu (liema sehem huwa kien wirtu mingħand missieru John Galea), liema drittijiet kienu jikkonsistu f'sest indiviż (1/6) jew sehem verjuri mill-istess eredità. Kopja tal-kuntratt ta' ċessjoni huwa anness u mmarkat bħala Dokument AN;

19. Illi in vista li din iċ-ċessjoni saret fiż-żwieġ ta' Theresa Axiak ma' Francis sive Frenc Axiak, l-istess Francis Axiak akkwista nofs indiviż (1/2) ta' dan is-sest (1/6) indiviż jew sehem verjuri;

20. Illi Francis sive Frenc Axiak ġie nieqes fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985), skont kif jikkonferma ċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bħala Dokument AO. Huwa rregola l-wirt u suċċessjoni tiegħu bis-saħħa ta' testment datat ħdax (11) ta' Frar tal-elf disa' mija u sitta u sebgħin (1976) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Antonio Galea (kopja annessa bħala Dokument AP) kif emendat b'żewġ testmenti oħra wieħed datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tal-elf disa' mija u tmenin (1980) (Dokument U) u l-ieħor tad-disgħa ta' Jannar tal-elf disa' mija u erbgħa u tmenin (1984) (Dokument V) it-tnejn ippubblikati fl-atti tan-Nutar Michael Refalo li permezz tagħhom huwa nnomina bħala werrieta tiegħu lil martu Theresa Axiak. Kopja taċ-ċertifikati dwar ir-riċerka tat-testmenti pubbliċi u sigrieti huma annessi u markati bħala Dokument AQ u AR;

21. Illi għalhekk insegwitu għal mewt ta' żewġha, Theresa Axiak spiċċat b'żewġ sesti (2/6) indiviżi mill-wirt u suċċssjoni tal-ġenituri tagħha Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea: is-sest indiviż li hija kienet wirtet direttament mingħand l-istess ġenituri tagħha u s-sest indiviż l-ieħor akkwistatu flimkien ma' żewġha mingħand John Galea qua suċċessur fit-titolu ta' Joseph Galea. Dawn l-ishma eventwalment waqgħu f'idejn Maria Galea u sussegwentement f'idejn Mary Perry. Dan kif indikat aktar 'il fuq;

22. Illi bis-saħħa ta' kuntratt datat tnejn (2) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) ippubblikat fl-atti tan-Nutara Mariosa Grech, kopja annessa u mmarkata bħala Dokument AS, Mary Theresa Cascun biegħet lir-rikorrenti John u Frances konjugi Galea, sehemha mid-dar bin-numru tlieta u tletin (33), Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Iż-Żebbuġ, Għawdex, u l-porzjonijiet art magħrufa bħala 'Taċ-Ċakra' fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, liema sehem mill-proprjetajiet Mary Therese Cascun kienet wirtithom mill-wirt u s-suċċessjoni ta' Stephen Galea;

(1983) published in the records of Notary Michael Refalo, applicant John (Giovanni) Galea as sole heir of Joseph Galea ceded and assigned to Theresa Axiak all his real and personal rights emanating from the inheritance and succession of his paternal grandparents (which share he had inherited from his father John Galea). These rights consisted in one sixth (1/6) undivided share from the same inheritance. A copy of the deed of assignment is hereby attached and marked as Document AN;

19. That in view of the assignment that was done during the marriage of Theresa Axiak with Francis sive Frenc Axiak, the same Francis Axiak acquired half (1/2) undivided of this one sixth (1/6) undivided share;

20. That Francis sive Frenc Axiak died on the twenty eighth (28th) of October of the year one thousand nine hundred and eighty five (1985) as confirmed by his death certificate hereby attached and marked as Document AO. He regulated his inheritance and succession by means of a will dated eleventh (11th) of February of the year one thousand nine hundred and seventy six (1976) published in the acts of Notary Antonio Galea (a copy of which is hereby attached and marked as Document AP) as amended by two other wills dated twenty fifth (25th) of September of the year one thousand nine hundred and eight (1980) (Document U) and another one dated ninth (9th) of January of the year of thousand nine hundred and eight four (1984) (Document V) both published in the records of Notary Michael Refalo by means of which he nominated as heir his wife Thereas Axiak. A copy of the public and secret will searches certificates are hereby attached and marked as Document AQ and AR;

21. That therefore following the death of her husband, Theresa Axiak ended up with two sixths (2/6) undivided shares from the inheritance and succession of her parents Grazio sive Grezzju and Filomena spouses Galea: one sixth undivided share that she had directly inherited from her parents and the other one sixth undivided share she ahd acquired together with her husband from John Galea as successor in title of Joseph Galea. These shares eventually devolved unto Maria Galea and subsequently unto Mary Perry. This as aforesaid;

22. That by means of a deed dated second (2nd) August of the year two thousand and nineteen (2019) published in the records of Notary Mariosa Grech, a copy of which is hereby attached and marked as Document AS, Mary Theresa Cascun sold to the applicant John and Frances spouses Galea, her share from the house numbered thirty three (33), Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Żebbuġ, Gozo and the portions of land known as 'Taċ-Ċakra' in the limits of Żebbuġ, Gozo, which shares from the said properties, Mary Theresa Cascun had inherited from the inheritance and succession of Stephen Galea;

23. Illi bis-saħħa ta' kuntratt datat erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2001) pubblikat fl-atti tan-Nutara Mariosa Grech, Maria Galea bint Grazio Galea u Filomena née Cassar, biegħet lill-intimati Maximillian u Louise konjugi Borg is-sehem tagħha ta' kwinta (1/5) parti indiviża mill-art magħrufa bħala 'Ta' Kelment' fl-akkwati 'Taċ-Ċakra' fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka mija u għoxrin metru kwadru (120m.k.) konfinanti min-Nofsinhar u mit-Tramuntana ma' proprjeta tal-konjugi Borg u mil-Lvant ma' passaġġ. Kopja tal-kuntratt ta' trasferiment huwa anness u markat bħala Dokument AT;

23. That by means of a deed dated fourth (4th) of May of the year two thousand and one (2001) published in the records of Notary Mariosa Grech, Maria Galea, daughter of Grazio Galea and Filomena née Cassar, sold to the defendants Maximilian and Louise spouses Borg her share consisting of one fifth (1/5) undivided part from the land known as 'Ta' Kelment' in the area of 'Taċ-Ċakra' in the limits of Żebbuġ, Gozo, of the area of about one hundred and twenty metres square (120sq.m) bounded on the south and north with property of spouses Borg and east with a passage. Copy of the deed of transfer is hereby attached and marked as Document AT;

24. Illi l-kwoti spettanti lill-kontendenti mill-wirt u s-suċċessjoni ta' Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea huma kif indikat fid-dokument anness u mmarkat bħala Dokument AU. L-istess Dokument fih wkoll arblu tar-razza tal-istess familja ta' Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea;

24. That the shares due to the parties from the inheritance and succession of Grazio sive Grezzju and Filomena spouses Galea are as indicated on the attached document marked as Document AU. The same document also includes a family tree of the family of Grazio sive Grezzju and Filomena spouses Galea;

25. Illi apparti mobbli u immobbli oħra li jista' jkun hemm għad-diviżjoni, sa fejn jafu l-esponenti l-proprjetajiet immobbli li żgur hemm għad-diviżjoni huma: (a) id-dar uffiċjalment immarkata bin-numru tlieta u tletin (33), fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Iż-Żebbuġ, Għawdex, murija aħjar delinjata bl-aħmar fuq is-site plan immarkata bħala Dokument AV; (b) diversi porzjonijiet art adjaċenti għal xulxin magħrufa bħala 'Taċ-Ċakra' fil-limiti taz-Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka tmien mija u tmien metri kwadri (808m.k.) konfinanti mit-Tramuntana ma' beni ta' Stella Galea, min-Nofsinhar ma' proprjeta ta' Anthony Cini u mil-Lvant ma' passaġġ bla isem li jagħti għal fuq Triq il-Madonna taċ-Ċiċri murija aħjar delinjati bl-aħmar fuq is-site plan hawn annessa u mmarkata bħala Dokument AW. Dawn iż-żewġ proprjetajiet ġew stmati mill-Perit Saviour Micallef. Id-dar ġiet stmata fl-ammont ta' mitt elf ewro (€100,000) filwaqt li l-porzjonijiet art adjaċenti magħrufa bħala 'Taċ-Ċakra' ġew stmati fl-ammont ta' sitt elef ewro (€6,000). Kopja tal-istima redatta mill-istess Perit Micallef hija annessa u mmarkata bħala Dokument AX;

25. That apart from other movable and immovables that there might be, to be divided, as far as the applicants are aware, the immovable properties that néed to be divided are (a) the house officially marked with number thirty three (33), in Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Żebbuġ, Gozo, shown delineated in red on the annexed site plan marked as Document AV; (b) several portions of land adjacent to each other known as "Taċ-Ċakra" in the limits of Żebbuġ, Gozo of the superficial area of around eight hundred and eight square metres (808sq.m) bounded on the north with property of Stella Galea, south with property of Anthony Cini and east with a passage without name abutting onto Triq il-Madonna taċ-Ċiċri shown delineated in red on the site plan attached and mared as Document AW. These two properties were valued by architect Saviour Micallef. The house was valued in the amount of the one hundred thousand euro (€100,000) whereas the adjacted portions of land known as 'Taċ-Ċakra' were valued in the amount of six thousand euros (€6,000). A copy of the valuation done by the same architect Micallef is hereby attached and marked as Document AX;

26. Illi r-rikorrenti ma jridux jibqgħu aktar fi stat ta' komunjoni flimkien mal-intimati tal-beni provenjenti lilhom mill-wirt u s-suċċessjoni ta' Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea;

26. That the applicants want to proceed with the partitioning of the assets which devolved unto them from the inheritance and succession of Grazio sive Grezzju and Filomena spouses Galea;

27. Illi minkejja li l-intimati (dawk dixxendenti tal-istess konjugi Galea) ġew interpellati permezz ta' ittri interpellatorji datati wieħed u tletin (31) ta' Jannar, 2019, u sbatax (17) ta' April, 2019 (Kopji annessi bħala Dokument AY u AZ rispettivament) u permezz tal-ittra uffiċjali tas-sebgħa (7) ta' Novembru, 2019, ittra uffiċjali numru 681/2019 (Kopja annessa bħala Dokument BA) għal-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-assi formanti parti

27. That notwithstanding that defendants were called upon by means of two letters dated thirty first (31st) of January of the year two thousand and nineteen (2019) and seventeenth (17th) of April of the year two thouand and nineteen (2019) (copies attached as Documents AY and AZ respectively) and by means of a judicial letter dated seventh (7th) of November of the year two thousand and nineteen (2019) judicial letter number 681/2019 (copy attached

mill-ereditajiet ta' Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea, l-intimati baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għidu għalhekk intom intimati għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti salv kwalsijasi dikjarazzjoni oħra opportuna:

1. tillikwida l-beni ġja formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi partikolari ta' Grazio sive Grezzju Galea u lill-assi partikolari ta' Filomena Galea;

3. tillikwida l-beni partikolari ta' Grazio sive Grezzju Galea billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. tillikwida l-beni partikolari ta' Filomena Galea billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. tiddividi l-beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Grazio sive Grezzju u Filomena konjugi Galea fil-kwoti indikati fid-Dokument AU anness ma' dan ir-rikors ġuramentat jew kwota oħra verjuri li tista' tirrizulta waqt is-smigħ ta' din il-kawża u tassenja l-beni lill-istess kontendenti fil-kwoti hekk riżultanti u spettanti lilhom;

6. taħtar nutar pubbliku u tiffissa l-jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-opportun att tad-diviżjoni tal-assi ereditarji hekk riżultanti; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

7. fin-nuqqas, f'każ illi jirriżulta illi l-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-liċitazzjoni tal-istess beni bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji sabiex ir-rikavat jiġi spartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri interpellatorji tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar, 2019, u tas-sbatax (17) ta' April, 2019 u tal-ittra uffiċjali tas-sebgħa (7) ta' Novembru, 2019, ittra ufficjali numru 681/2019 kontra tagħkom;

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom ingunti.

as Document BA) to proceed with the liquidation and division of the assets forming part of the estates of Grazio sive Grezzju and Filomena spouses Galea, the defendants remained in default and therefore this case had to be filed;

Therefore, saving any other necessary declarations, this Honourable Court is being called upon to:

1. Liquidate the assets forming part of the community of acquests of the deceased Grazio sive Grezzju and Filomena spouses Galea by declaring that they consist of those assests that will result during the hearing of the case;

2. Divide the community of acquests in two equal portions which are to be assigned one to the particular assets of Grazio sive Grezzju Galea and the other to the particular assets of Filomena Galea;

3. Liquidate the particular assets of Grazio sive Grezzju Galea by declaring that they consist of half of the comunity of acquests assigned to him as aforesaid and those paraphernal assests that will result during the hearing of the case;

4. Liquidate the particular assets of Filomena Galea by declaring that they consist of half of the community of acquests assigned to her as aforesaid and those paraphernal assests that will result during the hearing of the case;

5. Divide the assets forming part of the hereditary assets of Grazio sive Grezzju and Filomena spouses Galea in the shares indicated in Document AU attached with this sworn application or different shares that may result during the hearing of the case and assign the resulting assets to the same contenders in the shares due to them;

6. Appoint a public notary and fix a date, time and place for the publication of the appropriate deed of division of the resulting hereditary assets; with the intervention of curators nominated to appear for the defaulters on the same act;

7. Failing which, in the event that it results that the assets cannot be partitioned between the parties to this case, to order the sale by judicial auction of the same assets so that the proceeds may be distributed amongst the contenders in the shares due to them as above indicated. This judicial sale is to be open even for third parties adn not only to the parties to this case.

With costs including those relative to the letters dated thirty first (31st) of January, 2019, and seventeenth (17th) of April, 2019, and of the judicial letter dated seventh (7th) of November, 2019, judicial letter number 681/2019 against you.

With reference to oath to which you are by being called upon.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Simone Grech LLD, M. Jur., (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 2 ta' Marzu, 2022

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

You, the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo), are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court, and to summon whosoever would like to act as curator to appear in this Registry within six (6) days, and by means of a minute to submit a declaration that they would like to so act.

You are also ordered to inform each and every one that if they fail to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed with the selection of official curators. And after so doing, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to forthwith inform this Court.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section under the signature of Magistrate Dr Simone Grech, LLD, M. Jur., (Eur. Law), Magistrate of the said Court.

This 2nd March, 2022

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

SILVIO XERRI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals.

338

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Frar, 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Ċedola numru 10/2022

Anthony Camilleri, irtirat , bin il-mejtin Pawlu Camilleri u Ursola née Vella, imwieled in-Nadur, Għawdex, fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar, 1947, u martu Yvonne Camilleri, irtirata, bint il-mejtin Anthony Camilleri u Josephine née

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree issued on the 23rd February, 2022, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in that for all purposes and effect of the law it serves as notification in accordance with article 931 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

Schedule of Deposit number 10/2022

Anthony Camilleri , retired , son of the late Paul Camilleri and Ursola née Vella, born in Nadur, Gozo on the twenty-ninth (29th) of January, 1947, and his wife Yvonne Camilleri, retired, daughter of the late Anthony Camilleri

Falzon, imwielda n-Nadur, Għawdex, fit-tmienja (8) ta' Settembru, 1946, u residenti 'Tonyon', Triq David Cocco Palmieri, In-Nadur, u bil-karta tal-identità bin-numru 8047G u 68446G rispettivament

('Tonyon', Triq David Cocco Palmieri, In-Nadur, Għadex)

vs

Kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-persuni mhux magħrufa proprjetarji tad-dominium directum ta' żewġ ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33c) fuq il-proprjetà hawn taħt deskritta

Ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens tal-istess Anthony u Yvonne konjugi Camilleri, ta' 'Tonyon', Triq David Cocco Palmieri, In-Nadur, Għawdex , Għawdex, u bil-karta tal-identità' bin-numri 8047G u 68446G

Jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond bla numru uffiċjali u bl-isem 'Tonyon' fi Triq David Cocco Palmieri, fin-Nadur, Għawdex, mibni fuq art tal-kejl komplessiv ta' ċirca seba' mija u disgħa u ħamsin metri kwadri (759 m.k.) kif jidher immarkat bil-kulur aħmar fuq il-pjanta u site plan annessi bħala Dokument Y u immarkat bl-ittra 'A' u liema art tikkonfina min-Nofsinhar ma' Triq David Cocco Palmieri, mill-Punent ma proprjetà ta' Michael Camilleri u mil-Lvant ma proprjetà ta' Salvu Camilleri jew aventi causa tiegħu jew irjieħ verjuri;

Illi l-esponenti akkwista din il-proprjetà in forza ta' kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Dr Emanuel George Cefai fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1979);

Illi din il-proprjetà fuq imsemmija hija suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33c);

Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruħu mill-fakultà mogħtija lilu mill-Artikolu 1501 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili u jirredimi dan iċ-ċens illi kapitalizzat bil-ħamsa fil-mija (5%) kif titlob il-Liġi jammonta għal sitta u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€46.60c)

Għaldaqstant l-esponenti sabiex jeżimi ruħu minn kull responsabiltà' qed jadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożita l-ammont globali ta' sitta u erbgħin ewro u sittin ċenteżmu (€46.60c) rappreżentanti

and Josephine née Falzon, born in Nadur, Gozo, on the 8th of September 1946 and resident at 'Tonyon', Triq David Cocco Palmieri, Nadur, holder of identity card number 8047G and 68446G respectively.

('Tonyon', Triq David Cocco Palmieri, Nadur, Gozo)

vs

Deputy curator who represents individuals not recognized as owners of the "dominium directum" of two euro and thirty-three cents (€2.33c) on the property as described below

Schedule of Redemption and concurrent redemption of ground-rent of Anthony and Yvonne Camilleri, of 'Toyon', Triq David Cocco Palmieri, Nadur, Gozo, bearing identity card number 8047G and 68446G

Declares the following:

That the claimant, in their own name, are the owners of a portion of land with no official number and bearing the name 'Toyon', in Triq David Cocco Palmieri in Nadur, Gozo, built on seven hundred and fifty-nine meters squared (759 sq.m.) as highlighted and marked in red on the site plan annexed and marked as Document 'Y' and marked as well with the letter 'A' and which property to the south confines itself with Triq David Cocco Palmieri, to the west with property of Michael Camilleri and to the east with property of Salvu Camilleri or other boundaries;

That the above-mentioned property was bought in view of the contract which was carried out by Notary Emanuel George Cefai on the twenty-fifth (25th) of October of the year nineteen seventy-nine (1979);

That the abovementioned property is subject to annual and perpetual emphyteusis of two euro and thirty-three cents (€2.33c) and consequently amounts to the sum of forty-six euro and sixty cents (€46.60c) once this emphyteusis is capitalized at a five (5%) rate as requested by law;

That the claimant wants to redeem the above mentioned emphyteusis as required by law in accordance with Article 1501 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta;

That, in order for the claimant to exonerate himself from any form of responsibility, this same claimant is depositing the total amount of forty-six-euro cents. (€46.60c), reflecting the above-mentioned redemption of emphyteusis, which

fidi ta' ċens kif fuq spjegat, liema ammont jista' liberament jittieħed mill-intimata wara li titħalla d-debita riċevuta a saldu skont il-liġi.

Av. Chris Said, 19, Triq tal-Ħanaq, In-Nadur, Għawdex

Notifika Ulterjuri: 1) Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq ta' Wara s-Sur Victoria, Għawdex (żewġ kopji)
2) Reġistru tal-Artijiet ta' Pjazza San Franġisk, Victoria, Għawdex

Illum 23 ta' Frar, 2022

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

amount can be taken freely by the respondent after a receipt is issued in accordance with the law.

Adv. Chris Said, 19, Triq tal-Ħanaq, Nadur, Gozo

To be additionally served on: 1) Director of Public Registry, By the Bastion Road, Victoria, Gozo (2 copies)
2) Public Lands Register, Pjazza San Franġisk, Victoria. Gozo

Today the 23rd February, 2022

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

SILVIO XERRI
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

339

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Frar, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Ċedola numru 11/2022 SG

Abigail Camilleri, direttur governattiv, bint Carmel Camilleri u Mary Josephine née Agius, imwielda Ħ'Attard, Malta, fid-disgħa (9) ta' Ġunju, tas-sena elf, disa' mija u tmienja u sebgħin (1978) u residenti 'Dar il-Kastell', Triq il-Kastell, Ir-Rabat, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità' numru 303178M

vs

l-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Triq San Sebastjan, Il-Belt Valletta, Malta

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree issued on the 23rd February, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in that for all purposes and effect of the law it serves as notification in accordance with article 931 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure.

In the Court of Magistrates (Gozo)
Superior Jurisdiction, General Section

Schedule of Deposit number 11 /2022 SG

Abigail Camilleri, civil director, daughter of Carmel Camilleri and of Mary Josephine née Agius, born at Ħ'Attard, Malta, on the ninth (9th) June, of the year one thousand, nine hundred and seventy eight (1978) and residing at 'Dar il-Kastell', Triq il-Kastell, Victoria, Gozo, holder of identity card number 303178M

vs

Lands Authority, Auberge de Baviere, Triq San Sebastjan, Valletta, Malta

u

b'digriet tal-nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-persuni mhux magħrufa intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens hawn indikat.

Ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Abigail Camilleri ta' 'Dar il-Kastell', Triq il-Kastell, Ir-Rabat, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 303178M,

Tesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti hija proprjetarja tal-fondi konsistenti f'dar b'garaxx anness bin-numri tlieta u erbgħa (3, 4) u garaxx bin-numru tnejn (2), liema fondi jinsabu fi Triq il-Kastell, Ir-Rabat, Għawdex. Dawn il-proprjetajiet jinsabu hija aħjar murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta u site plan hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A. Illi din il-proprjetà hija suġġetta għall-ħlasijiet taċ-ċens annwu u perpetwu fis-somma ta':

1. Lira u ħames xelini (£1 5/-) tal-munita l-antika versu l-Gvern Ċivili;

2. Erbgħa liri tal-munita l-antika (£4.00); u

3. Erbgħa liri u sitta u ħamsin ċenteżmu tal-lira Maltija (Lm4.56).

Illi l-esponenti akkwistat l-imsemmija proprjetà permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Hili tal-għoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) mingħand ommha Mary Josephine Camilleri. Illi din il-proprjetà' kienet ġiet akkwistata mingħand Joseph Agius bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elf, disa' mija u sebgħa u tletin (1937). Il-proprjetà kienet tifforma parti minn art akbar li kienet ġiet akkwistata permezz ta' diversi kuntratti fl-atti tal-istess Nutar Francesco Gauci tat-tmintax (18) ta' Ġunju tas-sena elf, disa' mija u erbgħa u għoxrin (1924), tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija u tnejn u tletin (1932) u tas-sebgħa (7) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u erbgħa u tletin (1934);

Illi l-esponenti tixtieq tifdi dawn iċ-ċnus fl-intier tagħhom u għalhekk qiegħda tippreżenta dan ir-rikors;

Illi filwaqt li l-esponenti taf li iċ-ċens ta' lira u ħames xelini (£1 5/-) huwa dovut lill-Gvern Ċivili, illum l-Awtorità tal-Artijiet intimata, ma tafx iċ-ċnus l-oħra lil min jitħallsu;

Illi l-ammonti ta' ċens kif spjegat aktar 'il fuq huma kif ġej:

and

by virtue of a decree of the nominated deputy curator in order to represent unknown persons entitled to receive the mentioned ground-rent.

Schedule of Deposit and contextual redemption of ground-rent of Abigail Camilleri ta' 'Dar il-Kastell', Triq il-Kastell, Victoria, Gozo, holder of identity card number 303178M,

Submits with respect:

That the applicant is the owner of the properties consisting of a house with annexed garage numbered three and four (3. 4) and garage number two (2), which properties are situated in Triq il-Kastell, Victoria, Gozo. These properties are better shown marked in red on the plan and site plan herewith attached and marked as Doc. A. That this property is subject to the payment of ground-rent in the following amounts:

1. One pound and five shillings (£1 5/-) of the old currency towards the Civil Government;

2. Four pounds of the old currency (£4.00); and

3. Four Maltese lira and fifty-six cents (Lm 4.56).

That the applicant acquired these properties by virtue of a deed of donation in the acts of Notary Doctor Anthony Hili of the twentieth (20th) November of the year two thousand and twenty-one (2021) from her mother Mary Josephine Camilleri. That the property was acquired by Joseph Agius by virtue of a deed in the acts of Notary Francesco Gauci of the twenty-third (23rd) June of the year one thousand nine hundred and thirty-seven (1937). The property formed part of a larger portion of land which was acquired by virtue of various deeds in the acts of the same Notary Francesco Gauci of the eighteenth (18th) June of the year one thousand nine hundred and twenty-four (1924), of the twenty-first (21st) March of the year one thousand, nine hundred and thirty-two (1932) and of the seventh (7th) September of the year one thousand, nine hundred and thirty-four (1934);

That the applicant wishes to redeem these ground-rents in their entirety and therefore is presenting this application;

That whilst the applicant knows that the ground-rent of one pound and five shillings (£1 5/-) is due towards the Civil Government, today the Lands Authority, she does not know to whom the other ground-rents are payable;

That the amount of ground-rent as explained above are the following:

i. Lira u ħames xelini (£1 5/-) tal-munita l-antika ekwivalenti għal lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm 1.25) tal-lira Maltija, ekwivalenti għal żewġ ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€2.91) - favur l-Awtorità tal-Artijiet,

ii. Erbgħa liri tal-munita l-antika (£4.00) ekwivalenti għal erbgħa liri Maltin (Lm 4.00) ekwivalenti għal disa' ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€9.32) - favur persuni li l-esponenti ma tafx min huma, u

iii. Erbgħa liri u sitta u ħamsin ċenteżmu tal-lira Maltija (Lm 4.56) ekwivalenti għal għaxar ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€10.62) - favur persuni li l-esponenti ma tafx min huma;

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà li tipprovdi l-liġi ai termini tal-Artikolu 1501 tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta u tirredimi dan iċ-ċens fl-intier tiegħu, illi kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal:

i. Tmienja u ħamsin ewero u għoxrin ċenteżmu (€58.20) favur l-Awtorità' tal-Artijiet,
ii. Mija u sitta u tmenin ewro u erbgħin ċenteżmu (€186.40) favur persuni li ma tafx min huma; u

iii. Mitejn u tnax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€212.40) favur persuni li ma tafx min huma.

Għaldaqstant, l-esponenti, sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbiltà qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita is-somma komplessiva ta' erba' mija u sebgħa u ħamsin ewro (€457.00) fidi ta' ċens dovuti kif fuq spjegat, liema somma tista' tiġi liberament żbankata mill-intimat/i wara li titħalla debita riċevuta skont il-liġi.

Av. Joshua Grech, 94, Triq San Girgor, ta' Kerċem, Għawdex

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq Ta' Wara s-Sur, Ir-Rabat, Għawdex

L-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Triq San Sebastjan, Il-Belt Valletta, Malta

Illum 23 ta' Frar, 2022

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

i. One Pound and five shillings (£1 5/-) of the old currency equivalent to one Maltese Lira and twenty-five cents (LM 1.25) equivalent to two Euro and ninety-one cents (€2.91) - in favour of the Lands Authority,

ii. Four pounds of the old currency (£4.00) equivalent to four Maltese liri (Lm 4.00) equivalent to nine euro and thirty-two cents (€9.32) - in favour of persons whom the applicant does not know who they are, and

iii. Four Maltese lira and fifty-six cents (Lm 4.56) equivalent to ten euro and sixty-two cents (€10.62) - in favour of persons whom the applicant does no know who they are;

That the applicant wishes to benefit from the dispositions of law and by virtue of Article 1501 of Chap. XVI of the Laws of Malta, and redeems the ground-rent in its entirety which capitalised at the rate of five percent (5%) amounts to:

i. Fifty-eight euro and twenty cents (€58.20) in favour of the Lands Authority,
ii. One hundred and eighty-six euro and forty cents (€186.40) in favour of unknown persons, and

iii. Two hundred and twelve euro and forty cents (€212.40) in favour of unknown persons.

Therefore, the applicant in order to exonerate herself from any responsibility, is calling upon this Honourable Court and under its authority deposits the total sum of four hundred and fifty-seven euro (€457.00) in redemption of ground-rent as explained above, which amount may be freely withdrawn by the respondent/s after due receipt according to law is tendered.

Adv. Joshua Grech, 94, Triq San Girgor, Ta' Kerċem, Gozo

To be served on: Director Public Registry, Triq Ta' Wara s-Sur, Victoria, Gozo

Lands Authority, Auberge de Baviere, Triq San Sebastjan, Valletta, Malta

Today the 23rd of February, 2022

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

SILVIO XERRI
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603